2019

# IL-QARĊILLA

TREVOR ŻAHRA



KITBA TAŻ-ŻWIEĠ
BEJN ĦASINA-MOHANA
U JACOB CALLUS

Quddiem il-manifku nutar Falzon Brincat

**NUTAR:**
Ejjew ersqu fis madwarna
B'seb'għajnejn u lkoll attenti,
Kif tinsabu hawn miġbura,
Qraba, ħbieb, ġirien, parenti;

Għax illum, dan li se niktbu
Se jkun l-aqwa dokument,
Bil-wegħdiet taż-żewġ familji
Se jkun jorbot legalment.

Quddiemi: il-manifku
Nutar Falzon Brincat,
Li minn taħt idejja jgħaddu
Is-sigrieti tal-istat.
Mela mingħajr telf ta' żmien,
Norbtu bil-kitba minflok bil-kliem.

Tħokk maġenbi hawn l-Għarusa
Xbejba tabilħaqq grazzjuża,
Iġġib l-isem Ħasina-Mohana
Kif taraw: hi tfajla Indjana,
Hi u l-għarus bdew f'daqqa jinnamraw,
Xħin fuq il-facebook qabdu jiċċettjaw;
Familja tat-tajjeb ... għax bużnannuha ġej
Mill-belt kbira w famuża ta' Bombay,
Fejn kien indaħal għal salt intrapriżi,
Jisraq u jimbrolja l-aktar lis-suldati Ingliżi.
Imma issa li kien, kien,
U għad fadal daqsxejn wirt minn dak iż-żmen.

***RIMA 1***
It-Tina-Biskuttina
U l-musbieħ irid il-ftila,
Il-ftila mhix musbieħ
Min hu ikrah, mhux sabiħ.

Is-sabiħ mhuwiex ikrah
L-għarus le mhux iblah,

Iblah mhux l-Għarus
Dak ix-Xejk mhuwiex qażquż.

Mhux qażquż dak ix-Xejk,
U t-torta mhijiex kejk
Il-kejk mhuwiex torta,
U l-Għarusa mhijiex Torka.

Le Torka mhix dik l-Għarusa
U kulħadd jixtieq ibusha,
Ibusha jrid kulħadd,
U l-plattina mhijiex platt.

**NUTAR:**
Hawnhekk fuq ix-xellug jinsab l-Għarus,
Malti daqskom u daqsi: Jacob Callus!
Familja serja u tar-ruħ,
Missieru diġà fetaħ erba' djar tax-xjuħ,
Iħaddem il-klandestini:
Kemm Alla ħalaq Indjani u Filippini;
U biex ir-rata jżommha dejjem baxxa
Ifotti kemm jiflaħ fil-kontijiet tat-taxxa.
Imma b'daqshekk mhux ser imur l-infern...
Għax sal-anġli tas-sema jfottu l-gvern.

Imm' issa ħallina minn dan,
Li ma jmurx ideffes denbu x-xitan!
Ejjew naraw il-familja tal-għarusa
Kemm se jagħtuha dota utli u lussuża.

**MISSIERHA**
Jien se ntiha sett għamara
Gwardarobbi w lavamani
Ordnajthomlha esklużivi
Ħelsu minnhom it-Taljani.
Tgerrem fihom ftit tas-susa,
Mgħarrqin biss b'xi żewġ barxiet,
U x'aktarx il-garanzija
Ilha għomor li skadiet.

U l-gradenza u t-twaletta
Mimlijin tixlif u skaldi,
Imma dana hu sett storiku
Jgħidu kien ta' Garibaldi.
Għandha s-sodda bil-pilastri
U biċ-ċelu, maħdum ġdid,
Tista' ġġerri il-purtieri
U tkompli ġġerri kull fejn trid!
Fil-mera tat-twaletta
Tbajja' kbar tal-umdità,
Madankollu jservu tajjeb
Kontra d-dnub tal-vanità,
Biex meta l-għarusa lejha tħares,
Ma toqgħodx tintefaħ bis-sbuħija,
U flok wiċċha, hemm fil-mera,
Tara l-mappa ta' Sqallija.

**OMMHA:**
Jiena se ntiha ħamsin *sari*
Kollha lbiesi tal-ħarir,
Materjal li sabiex ġibtu
Kelli nidħol fi nkwiet kbir;
Ħafna minnu kuntrabandu
Ġie ġo kaxxi kbar tal-landa,
Għat-taparsi se jintuża
Għall-purtieri ta' lukanda.
Dan hu drapp mill-aktar rari
Għandu t-timbru tal-inspector,
Tista' tilbsu jekk titħajjar
Tikkompeti għall-X Factor.
Hemmhekk anki tista' ttejjeb
Is-sitwazzjoni finanzjarja
Meta Ira Losco tgħidlek
"Għandek vuċi straordinarja!"
U tgħallem l-Ingliż sewwa
Għax inkella ċans m'għandekx,
Jekk tkellimha biss bil-Malti
Xandra Aulden ma tifhmekx.
U hawnhekk qed nagħtik siġġu,
Biex fl-X Factor tieħdu miegħek,

Ħalli jekk ma jagħtukx wieħed
Ikollok serħ is-sorm minn tiegħek.
U xejn tinkwieta dwar l-udjenza,
Bil-mijiet tarahom ġejjin,
Sitt vapuri sħaħ mimlija
Bis-sapporters kbar Għawdxin,
Dawk offrewlhom kollox b'xejn,
U hekk kitbulhom fuq il-karti:
"Se nħallsulkom għall-X Factor
Biex issiru tħobbu l-arti!"

Din is-*sari*, xħin tilbisha
Taf tkun sexy mhux bi ftit
Tista' tgħatti fejn jaqbillek
U tista' tikxef kull fejn trid!
Tista' tilbsu jekk titħajjar
Li tagħmilha ta' mudella,
Jew jekk trid li tibda tieħu
Parti f'xi telenovella;
Għax għalkemm m'intix attriċi
U Mulej mhux għal dan ħalqek,
Xorta tgħodd għat-television...
L-aqwa li taf tiftaħ ħalqek!
Tista' tieħu sehem f'*Manwela*
Play mill-aktar spiritwża,
Imma naħseb aktar postok
Illi tieħu sehem f'*L-Għarusa*
Imbagħad jekk f'*Division Seven*
Tkun trid tmur sabiex tiżvoga,
Hemm titgħallem kif tirreċta,
U anki wkoll kif tieħu d-droga.
U jekk trid ma jarak ħadd,
U fis-surveys tmur ħażin,
Tista' tieħu sehem f'xi drama
Minn dawk t'Eileen Montesin.

**NUTAR:**
Mela nistgħu niktbu kollox
Kif bil-liġi neċessarju,
Biex intemmu l-istkrittura

Ta’ dan il-famuż dotarju.
Imm’ għad fadal rigal sbejjaħ
Biex mal-lista jkun miżjud,
Se jingħata bl-akbar ħerqa
Mingħand dana: l-ewwel xhud.

***RIMA 2***
Il-Platt mhuwiex plattina
Iċ-Ċiniż rigal ġie jtina,
Rigal tana iċ-Ċiniż
U l-ġakketta mhijiex qmis.

Mhijiex qmis il-ġakketta
L-ODZ hi art perfetta
Art perfetta l-ODZ
Fuqha nibnu mitejn flett.

Mitejn flett se nibnu fuqha
Ħaż-Żabbar mhuwiex Ħal Luqa,
Mhux Ħal Luqa Ħaż-Żabbar
Kemm hu għaref dan-nutar.

**ĊINIŻ:**
Iva, jien xhud tal-Għarusa
Ħabib tagħhom wisq għażiż,
U kif naħseb indunajtu,
Jiena sinjurun Ċiniż.
Negozjant tal-prima klassi,
Kważi d-dinja kollha dort,
Imma jiena Malti daqskom
Għaliex xtrajt il-passaport.
U sabiex nagħtikom xhieda
Tal-istima u r-rispett
Se nagħtiha tnax-il tomna
Fuq art kbira ODZ.
Għad m’għandhiex permess għall-bini,
Ma nafx  dan jekk għadx jitfaċċa,
Tista’ biss tmur tonsob fiha,
Jew inkella tmur il-kaċċa.
Imma l-kbir u għaref Konfuċju

Kien jgħidilna "nittamaw",
U dwar dawn it-tnax-il tomna,
Żgur xi ħaġa nirranġaw.
Għax bis-sabar u bil-kalma
U b'daqsxejn tan-*negotiation*
Permess nasal nakkwistalek,
Biex ittella' petrol station!
Kollox  bl-akbar onestà,
F'soċjetà li jimpurtaha!
Lill-Għarus ukoll se nagħti
Din il-pupa ħelwa w fina,
U kif wieħed jista' jobsor
Din maħduma kollha ċ-Ċina.
Kif qed tara hija *life size,*
Fiha m'hawn ebda nuqqas,
Din taqdik kull meta mara
Tgħid li għandha wġigħ ta' ras.
Magħha tista' tkun sportiv
Bla m'hemm bżonn kontraċettiv.

**NUTAR:**
Ħbieb tiegħi, din hi xhieda
Tal-ġid li l-barranin
Hawn qed iġibu fostna
U jqassmu lill-Maltin,
Dax-xhud Ċiniż: Chang-Pengu
Qed jagħmel għotja pubblika,
Jistħoqqlu li xi darba
Jagħtuh Ġieħ ir-Repubblika.
Imm' iss' ejjew inħaffu
Għaliex iż-żmien prezzjuż,
U ngħaddu għax-xhud l-ieħor
Min-naħa tal-għarus.
Kif tħares lejh, iġiblek
Għajnejk wara widnejk,
Għax dan sinjur mis-Sawdi
Anzi fil-fatt hu Xejk!
Rajjes-Karim bin Aħmed,
Li b'ħarstu l-qlub iħoll,
Bilħaqq, insejt ngħidilkom:

Dan huwa Malti wkoll.
Għidilna ftit Sur Rajjes ...
X'se ttihom lill-Għarajjes?

**XEJK:**
Jien ġejt Malta kollni ħeġġa
Ġo din l-art tax-xemx u s-sħana
Ġejt apposta biex nistudja
Fl-Università Amerikana.
Imma tgħidx kemm qed nitwaħħax,
Kważi sejra lura saħħti!
Għaliex f'dik il-binja kollha
Hemmhekk jien sibt ruħi waħdi.
U flok il-lecturers kwalifikati,
Sibt ġo fiha salt fatati.
Imm' ej ninsew l-inkwiet u l-għali,
Ejja nkompli bir-rigali!
Jien deheb iswed se noffrilhom,
Minn arti impurtat,
Sittin barmil mill-aqwa
Ta' żejt mhux raffinat;
Biss, iżda jekk fil-freeport
Dawn jispiċċaw maqbuda,
Minflok dan iż-żejt iswed,
Nagħtihom żejt tal-ħuta,
Jew ftit żejt taż-żebbuġa
Minn dak li nagħmel jien,
Jew forsi żejt ir-riġnu,
Jew ftit żejt tal-kittien.
Għax minn dak li qed nara
Iż-żejt wisq teħtiġuh,
Peress li f'dan pajjiżkom,
Xejn m'għad hawn żejt fl-uċuħ.
U 'k l-għarus ... lill-għarusa
Jagħtiha ftit taż-żejt,
U jiġri ġirja wrajha
Sa wara l-bieb tal-bejt,
Żgur li malajr jinduna
Il-pjaċir kif għandu jkun,
U d-dipstick malajr tgħidlu,

Kemm fadal żejt fil-honeymoon.
U billi għandkom traffiku
Li jimxi agħar min-nemel,
Iddeċidejt li ntihom
Rigal ta' tnax-il ġemel.
Għax dawn trasport mill-aqwa
Fis-sħana ta' did-dinja
U jekk tmur għax-xogħol fuqhom
Tasal qabel tal-linja.

**NUTAR:**
Jien tassew inħossni mnixxef
U skantat bis-serjetà,
Għax illum tassew qed tidher
L-akbar ġenerożità.
Kulħadd ġej b'rigali fini,
Biex imħabbtu fis jurina,
Flok il-Karnival ... nistħajjel
Li wasalna nhar l-Istrina.
U għalhekk, tibżgħux, għad fadal
Elf rigal li jqum wisq flus,
Ġejjin 'l hawn bil-ħeġġa kollha
Mill-familja tal-għarus.

**MISSIERU:**
Jien xtaqt li sorpriża ntikom
Li ġġibilkom żgur fortuna,
Suppost li kellu jżewwiġkom
L-Arċisqof Monsinjur Scicluna
Imma ostreċ, sfaxxa kollox!
U tħarbtilna kollu l-pjan,
Għax l-Isqof f'salt sejħulu
Għal xi xogħol fil-Vatikan;
Għax kif naħseb, tafu sewwa,
Hu miżmum fuq wiċċ l-idejn,
U mingħajru l-Papa Franġisku
Mhu kapaċi jagħmel xejn.
Iżda xejn la ssewdu qalbkom,
Għaliex skont ċertu stħarriġ,
Il-barka se jibagħtilkom

Biex tpoġġuha ġo gwarniċ.
U la għandkom din il-barka
Nieżla troxx fuqkom it-tnejn
Jien u ommkom ħsibna w rajna
Illi żgur m'għandkom bżonn xejn.
Imma ħsibna biss li ntukom
Dar-rigal li jżid is-sħana,
Ippruvata taħdem dejjem
Hawn arawha: l-kutra tagħna.
Fuqha ħdimna bl-akbar ħeġġa,
Tajna l-isbaħ kontribut
Għaliex preċiżament fuqha
Ġie l-Għarus ikkonċeput;
Din hi garanzija sewwa
Illi fuqha daqqa w ġewwa!
U biex tisħon u tattakka
Kemm tqabbadha ma' xi plakka.

**OMMU:**
U se ntukom ritratt tagħna
Sabiex żgur ma twarrbuniex
U fl-anniversarju tagħna,
U fil-birthdays ... ma tinsewniex!
U sabiex tassew turini
Illi bqajt tifel sinċier
F'Jum l-Omm rigal agħtini

**MISSIERU:**
U tinsiex Jum il-Missier!

**OMMU:**
U b'daqstant rigali sbieħ
Li ġibtuhom ma nafx kif,
Żgur se tgħixu ta' sinjuri...
*(aside lill-missier)* U aħna b'hekk, ħlisna ħafif.
Imma ħsibna wkoll nagħtukom
Rigal utli w adattat,
Biex l-iskart li jkollkom f'darkom
Jibda jiġi separat;
U flok l-iskart tgħidlu GET OUT

Tibda tgħidlu SORT IT OUT.
F'dil-container safranija
Tpoġġu l-qoxra tal-lumija,
U ġo dan it-tank ħamran:
Iż-żerriegħa tad-tadam.
Imbagħad f'dan it-tank stupend:
It-toilet paper "second-hand",
Ġo dan il-container vjola
Tpoġġi l-homeworks tal-iskola,
U ġo dal-container roża,
Tistgħu anki tqiegħdu mogħża!
U intom tistgħu tpoġġu haw'
Jekk għad taslu tisseparaw!

**NUTAR:**
W issa biex inkomplu nżidu
Ma' dil-festa allegruża,
Għandna wkoll rigal speċjali
Mill-Għarus dritt għall-Għarusa.

***RIMA 3***
Dan-nutar kemm hu għaref
U l-frieket mhux imgħaref
L-imgħaref mhumiex frieket
U l-għarus kemm huwa sieket

Kemm hu sieket dak l-għarus
Għax it-tieġ kemm se jqum flus,
Kemm se jqumlu flus it-tieġ
U d-dundjani mhux tiġieġ.

Mhux tiġieġ dawn id-dundjani
U ċ-Ċiniżi mhux Indjani,
Mhux Indjani ċ-Ċiniżi
Żwieġ bħal dan ġabilna kriżi.

Ġab il-kriżi żwieġ bħal dan,
L-Alġerin mhuwiex Taljan
Mhux Taljan dak l-Alġerin
Kif imtlejna barranin.

**GĦARUS:**
Din l-għarusa ħelwa tiegħi
Għandha natural speċjali,
Dilettanta tan-natura,
Iffissata fl-annimali.
Iżda l-aktar l'għandh' għal qalbha
U dwar dan tgħidx kemm tiftaħar,
Huma dawk il-ħlejjaq kollha
Illi jgħixu ġewwa l-baħar.
Għalhekk qed nippreżentalha
Dis-sallura li nħobb jien,
Li bi ftit tmellis speċjali
Malajr tikber u tiċkien.
Ibqa' ċerta li dil-ħlejjqa
Sejra tqabbdek it-tferfir,
Għax din hi sallura mqarba
Li taf kif tagħtik pjaċir.
Ġol-akkwarju dejjem żommha
Dak l-akkwarju tant sigriet,
Is-sallura hemm tixxala,
Fit-tixrib u d-dlamijiet.

**GĦARUSA:**
Jien ukoll ... ismagħni sewwa:
Din l-art verġni lilek nagħti,
B'dan il-wied u dawn l-għelieqi
B'żewġ muntanji ippuntati.
Jien naf sew kemm tħobb tixxabbat
U kemm jogħġbok das-suġġett,
Tiela' dejjem mal-muntanji
Sakemm tasal sa fuq nett.
Imbagħad hemm, bejn il-muntanji
Inti l-akbar hena ssib,
U erħilek toqgħod tgħarrex
Forsi ssib daqsxejn ħalib.
U jien naf illi sa fl-aħħar,
Tibda tfittex is-serħan,
U tispiċċa togħdos 'l isfel,
Ġewwa dak il-wied mudlam.

**NUTAR:**
U b'hekk għandna kollox postu,
Għax dan mhux kuntratt taċ-ċajt,
Hawnhekk jien niżżilt kull kelma
B'mod legali *black on white.*
Imm' għad fadal bniedem ieħor:
Forsi ma tafuhx lil dan,
Hawn il-*wedding organiser*
Illi hu baħbuħ Serbjan.

***RIMA 4***
Barranin kif imtlejna
L-irkotta mhijiex ġbejna
Il-ġbejna mhix irkotta
Dan it-tieġ kif se jitfotta.

Se jitfotta dan it-tieġ
Il-fuħħar mhuwiex ħġieġ
Mhuwiex ħġieġ il-fuħħar,
Ara kif sejrin għall-agħar.

U għall-agħar kif sejrin,
Is-suldati mhux baħrin,
Il-baħrin mhumiex suldati,
Karnival mimli ċuċati.

Biċ-ċuċati l-Karnival,
U s-sidrija mhix fardal
Mhix  fardal is-sidrija
Kemm bluhat u frattarija

**SERB:**
*I am totally* organizzat,
*Always ready* u ppreparat,
Naħseb sewwa ... *I plan and think*
Naf meta nservi il-*welcome drink*;
*Yes, my service* hu mill-aħjar
Naf meta niftaħ il-*cocktail bar*
Naf kif immexxi bla ħafna nejk,
Naf meta jaqsmu il-*wedding cake*;

U jiena miegħi m’hemmx *fuckin’* ċajt
Min idejjaqni nsabbtu mal-ħajt
Jew inħabbtu mal-koxxa tal-bieb
Jew niftaħlu rasu ktieb.
Miegħi *no non-sense* ... kollox bi pjan
*Cause* I’m għala biebi għax jien Serbjan.
U biex nurikom li ftit hawn bħali
Ser inħabbrilhom dawn ir-rigali,
Li se jagħtuhom korpi speċjali
*Certain companies* parastatali:
*From AirMalta* rigali bil-bajd
*Very useful during some flight,*
Qed joffrulkom, kif se taraw
Ikel b’xejn meta tivvjaġġjaw,
Bziezen, bil-laħam, bit-tiġieġ jew ħut,
Ġobon, murtadella, zalzett u perżut;
*During your flight* dan tistgħu tikluh
*And don’t worry* mhux se tmutu bil-ġuħ.
Tat-TVMalta qed jippjanaw
Li t-tieġ tagħkom jiġu jiffilmjaw,
U malli jsibu ftit spazju frank
Ixandruhulkom fuq Xarabank;
Ukoll qed jagħtukom dil-garanzija
Li malli jkollkom l-ewwel tarbija;
Mingħajr m’hemm bżonn li tħallu kapparra,
Jeħdulkom ritratt magħha b’żaqqkom barra;
Jista’ jkun jiċċaqlaq inkella *still,*
Iżda wisq isbaħ minn ta’ Ben Camille.
Anki l-Qorti bi ħsieb profond,
Fuq is-servizz tagħhom qed joffrulkom skont,
*Fifty per cent discount* biex jintużaw,
Kemm-il darba taslu tiddivorzjaw.
Transport Malta bagħtulkom stedina
Biex tkunu tal-ewwel li tgħaddu mill-mina
*From Malta to Gozo* meta tivvjaġġjaw
Forsi ... *perhaps thirty years from now!*
Se tkunu wkoll kopja onorata
Li tużaw il-*bridge* ta’ ħdejn l-Addolorata,
U taqtgħu ż-żigarella ... dan l-isbaħ rigal
Akkumpanjati mit-tfal tat-tfal!

B'hekk qed taraw *there's no mistake*
Jien *wedding organiser* mhux bin-nejk,
Ix-xorb inqassam b'ekonomija
*And I'll set aside* xi tużżan' għalija,
Naf kif inġennen mara gustuża
Kif diġà għamilt ma' omm l-għarusa...

Għax jiena miegħi m'hemmx *fuckin'* ċajt
Min idejjaqni insabbtu mal-ħajt
Jew inħabbtu mal-koxxa tal-bieb
Jew niftaħlu rasu ktieb.
Miegħi *no non-sense* ... kollox bi pjan
*Cause I'm* għala biebi għax jien Serbjan.

**NUTAR:**
Isktu ... ieqfu ... kalma u paċi!
Hekk wasalna sew għat-tmiem,
Ejjew nagħlqu din il-kitba
Bl-akbar ħbiberija w sliem.
L-ewwel jersqu 'l hawn l-għarajjes,
Biex bil-galbu jiffirmaw
U fejn huma l-ġenituri?
Ejjew, ħaffu ... ersqu 'l haw'.
O xi ħlewwa!  X'armonija!
Dal-familji magħqudin
Mank li fil-Parlament tagħna,
Tista' sseħħ għaqda bħal din.
Forsi fuq l-eżempju tagħkom
Jimxi wkoll bl-akbar unjoni,
Il-każini u l-kunsilli
U l-Gvern u l-Oppożizzjoni.
Bilfors dan l-isbaħ rigal
Li żżewwiġtu fil-Karnival!

***RIMA 5***
Frattarija u bluhat
Il-bigilla mhix stuffat
Mhix stuffat din il-bigilla
U hekk spiċċajna dil-Qarċilla. X2

**KITBA**
Trevor Żahra

**PRODUZZJONI U DIREZZJONI**
Joseph Galea

**MUŻIKA**
Luke Vella

**ATTURI**
**Nutar**
Patrick Tanti
**Għarusa**
Maria Farrugia
**Ġenituri**
Stephanie Sacco
Nathaniel Galea
**Għarus**
Fabio Mifsud
**Ġenituri**
Rachel Micallef
Matthew Balzan
**Xhieda**
Ryan Galea
Sandro Vella
**Organiżżaturi**
Karl Schembri
Svetlana Camilleri

**KOSTUMI**
Loui Noir
Marika Zarb

**TIKKA BANDA**
**Kurunetta**
Norbert Mintoff
Joshua Farrugia
**Flikornu Tenur**
Justin Formosa
**Trumbun**
Antoine Schembri
**Baxx**
René Barbara
**Perkussjoni**
Clayton Gomez Blanco

**IRTOKK**
Make Up by Dea
Deandra Bugeja

**PROPS**
Anthony Buhagiar

**FOTOGRAFIJA**
Dorian Bugeja

**KONSULENTI**
Prof. Bernard Micallef
Dr. Olvin Vella

**QARREJJA TAL-PROVI**
Joseph P. Borg
Reno Fenech

TIKKA BANDA
L-Università ta' Malta
HORIZONS
FESTIVALS MALTA